MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Numru 469/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Alfred Mallia**

**vs**

**Carmela Magro**

Il-Qorti:

Rat li l-imputata Carmela Magro ta' 30 sena, mart Emmanuel, bint Carmelo Debono u Carmen nee' Camilleri, mwielda Pieta' fil-25 ta' Novembru 1969 u residenti Fl 2, 20, Blk 7, Triq Wigi Rosato, Bormla u detentrici tal-karta ta` l-identita` numru 490169(M) giet imressqa quddiemha akkuzata talli:-

F’dawn l-ahhar xhur u fit-22 ta’ Novembru 1999 f’ dawn il-Gzejjer, b’ mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera b’ ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ madwar tlett mitt Lira Maltin (Lm300) bi hsara ta’ Rita Bilocca minn Bormla, bi ksur tal-artikli 308 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess cirkustanzi,sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifisha jew ghal haddiehor f’ xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Barra minn dan akkuzata talli fl-istes cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni ta’ dokumenti jew xjentement ghamlet uzu mill-istess dokumenti u dan bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess cirkostanzi xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat, jew, xjentement b’ kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom, bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta’ Gunju 2000 (esebit a fol. 9 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-22 ta’ Mejju 2001 l-imputata wiegbet li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata hekk kif registrata fis-seduta tas-26 ta’ Lulju 2007 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputata, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali kwazi netta tal-imputata u l-fatt li hija kkoperat fil-kors tal-investigazzjonijiet u wriet id-disponibilita’ taghha li tirrifondi lill-parti civili l-ammont involut.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 308, 310, 188, 189 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiddikjara lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannaha ghal prigunerija ta’ tnax (12) il-xahar sospizi ghal perjodu ta’ sentejn (2) millum.

Tordna wkoll lill-imputata ai termini tal-Artikolu 28H (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex thallas l-ekwivalenti f’Ewro tas-somma ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300.00) lil parti civili Rita Bilocca u dan sa zmien tlett (3) xhur millum.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputata l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li tonqos milli tosservaha.

L-imputata min-naha taghha tiddikjara li fehmet ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tonqos milli tosservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------